MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 706/2007

Natalino Caruana sive Caruana De Brincat f'ismu propju u f'isem it-tifel minuri Jon Paul
vs
Id-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors guramentat ta' Natalino Caruana sive Caruana De Brincat li bih espona:

1. Ir-rikorrent Natalino Caruana li huwa maghruf bhala Caruana De Brincat twieled fis-26 ta' Novembru 1977, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu numru ta' l-iskrizzjoni mija u tnejn tas-sena elf disgha mija u tmienja u sebghin (102/78), liema Att tat-Twelid gie anness mar-rikors guramentat u immarkat bhala Dok NCD 1.

2. Illi l-kunjom 'Caruana De Brincat' beda jintuza minn, Alfred, (missier ir-rikorrent) u dan stante li missieru

(in-nannu patern tar-rikorrent) kellu kunjomu 'Caruana', filwaqt illi ommu (in-nanna paterna ta' l-istess rikorrent) kienet kunjomha xebba 'De Brincat' u dana kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid ta' missier ir-rikorrent, numru ta' l-iskrizzjoni tlett elef u erbgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u tlieta u hamsin (3054/53), anness mar-rikors guramentat u immarket Dok NCD 2.

3. Illi, missier ir-rikorrenti huwa maghruf bil-kunjom 'Caruana De Brincat' u dan fl-atti kollha tal-hajja civili, kif jidher mir-registru elettorali (kopja annessa u mmarkata bhal Dok NCD 3), u diversi kuntratti pubblici maghmula minnu kollettivament migbura u annessi u immarkati bhal Dok NCD 4.

4. Illi omm ir-rikorrenti hija wkoll maghrufa bil-kunjom 'Caruana De Brincat' u dana fl-atti kollha tal-hajja civili, inkluza l-karta ta' l-identita`, u passaport, li kopja taghhom hija huma annessi u immarkati Dok NCD 5 u 6 rispettivament.

5. Illi ir-rikorrenti huwa maghruf ukoll bil-kunjom 'Caruana De Brincat' u dejjem uza kontinwament u konsistentement dan il-kunjom 'Caruana De Brincat' fil-hajja pubblika u rpivata tieghu, mal-qraba u hbieb u kif ukoll fuq il-post tax-xoghol, b'tali mod illi kulhadd jafu bhala Natalino Caruana De Brincat, u dan kif sejjer jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi ir-rikorrenti huwa maghruf bil-kunjom 'Caruana De Brincat' fl-atti kollha tal-hajja civili, inkluza l-karta ta' l-identita`, registru elettorali u il-passaport li kopja taghhom giet annessa u immarkata Dok NCD 7, NCD 8 u NCD 9 rispettivament, kif ukoll fl-Att taz-Zwieg tieghu, numru ta' iskrizzjoni wiehed sebgha hamsa tas-sena elfejn u wiehed, (175/2001), liema Att gie anness u immarkat bhala Dok NCD 10, u kif ukoll f'diversi kuntratti pubblici maghmula minnu kollettivament migbura u annessi u immarkati bhala Dok NCD 11.

7. Illi ir-rikorrent, fl-10 ta' Marzu 2005 sar missier ta' tarbija bl-isem ta' Jade Mia u fl-att tat-twelid taghha

(Numru ta’ Iskrizzjoni tmienja disgha disgha tas-sena elfejn u hamsa (899/2005), kemm l-istess Jade Mia, kif ukoll l-istess rikorrent huma maghrufin bil-kunjom ‘Caruana De Brincat’, liema Att tat-twelid gie anness u immarkat bhala Dok 12.

8. Illi r-rikorrent, fil-25 ta’ April 2007, sar missier ta’ tarbija bl-isem Jon Paul, u d-Dipartiment tar-Registru Pubbliku ma accettax illi jirregistra lil din it-tarbija bil-kunjom ‘Caruana De Brincat’, u dan peress illi il-kunjom ‘Caruana De Brincat’ li bih ir-rikorrent huwa maghruf ma jikkombacjax mal-kunjom riprodott fl-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni Numru 102/78).

9. Illi allura dan wassal sabiex it-tfal minuri tar-rikorrent mhumiex maghrufa bl-istess kunjom, u dan qieghed johloq u jikkawza inkonvenjent kbir lir-rikorrenti u lill-familja tieghu kemm fil-hajja privata taghhom kif ukoll fil-hajja f’dik pubblika, u dan kif sejjer jigi ippruvat ahjar u b’aktar dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

10. Illi, hemm bzonn li fil-kolonna tal-Att tat-Twelid (Iskrizzjoni Numru 102/78) ‘Isem u Kunjom’ b’riferenza ghall-missier it-tarbija, jizdied il-kunjom ‘De Brincat’ wara l-kunjom ‘Caruana’ biex b’hekk missier it-tarbija jigi indikat bhala ‘Alfred Caruana De Brincat’ kif fil-fatt huwa maghruf, filwaqt illi ghall-istess ragunijiet omm ir-rikorrent tigi indikata bhala mart l-istess Alfred Caruana De Brincat.

11. Illi rikorrent xtaq jirregola l-posizzjoni tieghu u ta’ uliedu u jeffettwa t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali kollha tar-rikorrenti jirriflettu il-kunjom li bih huwa maghruf.

12. Illi l-ligi taghtih din il-fakulta` a tenur ta’ l-Artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Ghaldaqstant, ir-rikorent talab lill-Qorti joghgobha:

1. Tordna a tenur ta’ l-Artikolu 253 (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) illi l-Att tat-Twelid iskritt fir-Registru Pubbliku bin-Numru 102/78 jigi korrett fis-sens illi, fil-kolonna ‘Isem u Kunjom’, b’riferenza ghall-genituri tat-

tarbija, jizdied il-kunjom 'De Brincat' wara l-kunjom 'Caruana' biex b'hekk missier it-tarbija jigi indikat bhala Alfred Caruana De Brincat u omm it-tarbija tigi indikata bhala 'Giovanna wife of the said Alfred Caruana De Brincat'.

2. Tordna li t-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tar-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li biha espona:

1. Illi preliminarjament l-intimat jirrileva li *prima facie* t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat mhux gustifikati stante li jirrizulta li l-Att tat-Twelid tar-rikkorrent li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 102 tas-sena 1978 gie redatt ai termini tal-Kap 16. Inoltre, l-intimat jirrileva li d-dokumenti li esebixxa r-rikorrent huma irrelevanti ai fini ta' Atti ta' l-Istat Civili u biex din l-azzjoni tirnexxi jehtieg li r-rikorrent igib il-prova li fiz-zmien li hu twieled, missieru kien igib il-kunjom Caruana De Brincat u ghalhekk hu wiret iz-zewg kunjomijiet Caruana De Brincat mat-twelid tieghu. Illi jirrizulta ukoll li d-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid kien missier ir-rikorrent li indika d-dettalji tieghu u iffirma bhala Alfred Caruana. Ukoll fl-Att taz-Zwieg tal-genituri tar-rikorrent li jgib in-numru progressiv ta' iskrissjoni 2732 tas-sena 1976, jirrizulta li missier ir-rikorrent iddikjara ruhu u gie dikjarat minn Reverendu Fr. Theuma bhala Alfred Caruana.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat jirrileva li ai termini ta' l-Artikolu 4 (3) tal-Kap 16, ir-rikorrent jista' jzid wara l-kunjom 'Caruana', il-kunjom ta' xbubit ommu u cioe` 'Micallef' u mhux il-kunjom tan-nanna paterna, sakemm ma jigix stabbilit li l-kunjom Caruana De Brincat kien il-kunjom ta' missieru fid-data tat-twelid tar-rikorrent.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrent jispecifika liema Atti ta' l-Istat Cili qed jitlob li jigu korretti ai termini ta' l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16.

4. Illi l-intimat huwa kompetenti fir-rigward ta' Atti ta' l-Istat Civili biss u mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-karta ta' l-identita`.

5. Illi l-fatt li jidher li seta' sar zball fuq Att ta' l-Istat Civili, ma jfissirx li ghandu jsir zball iehor.

6. Illi ghandha ssir d-debita pubklikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Tant l-esponent ghandu x'jissottometti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat ir-rikors tas-17 ta' Dicembru 2008 a fol 69 tal-process, u rat ir-risposta ta' l-intimat a fol 76.

Rat li fit-30 ta' Marzu 2009 Dr. D'Alessandro ghall-intimat filwaqt li ikkonfermat is-sottomissjonijiet taghha fir-risposti intavolati, iddikjarat li ma jkunx hemm oggezzjoni ghall-iskop tal-kaz odjern li tizdied annotazzjoni fil-margini ta' l-att tat-twelid tar-rikorrent li jgib in-numru progressiv ta'

iskrizzjoni 102/1978 li r-rikorrent huwa maghruf ukoll bil-kunjom Caruana De Brincat. Dr. Ellul ghar-rikorrenti prezenti aderixxa mal-verbal u talab it-talba tkun fis-sens imsemmi fil-verbal u Dr. D'Alessandro iddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li t-talba tkun f'dan is-sens, u l-partijiet talbu li tinghata sentenza f'dan is-sens.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti tordna li tizdied annotazzjoni fil-margini ta' l-att tat-twelid tar-rikorrent li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 102/1978 li r-rikorrent huwa maghruf ukoll bil-kunjom Caruana De Brincat.

Spejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------